MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 700/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**William Bugeja K.I. 595863(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ seba’ mija u hamsa u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€775.62) minghand il-konvenut – rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi tal-*broadband internet* u telefon, kontijiet numru *A/C 40130019* u *A/C10106566*, moghtija mis-socjeta` attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-

avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra illi l-ittra ufficcjali esebita fl-atti mis-socjeta` attrici numerata 4491/11, ma kinitx giet notifikata lill-konvenut u dana attribwibbli ghall-fatt li l-ittra kienet indirizzata lil Walter Bugeja u mhux lill-konvenut William Bugeja, u ghaldaqstant gustament ir-riferta "no such person at address". Dan ghandu relevanza fid-dawl tad-decizjoni tat-Tribunal rigward l-imghax u l-ispejjez tal-kawza, u dana peress illi l-konvenut m'ghandux ibati l-ispejjez ta' l-ittra ufficcjali citata.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut deher fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012 sabiex jirrispondih, fejn bil-gurament tieghu il-konvenut William Bugeja stqarr illi huwa ghandu jhallas is-somma ta' seba' mija u hamsa u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€775.62) lis-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' seba' mija u hamsa u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€775.62), bl-imghax legali dekorribbli mill-11 t'Ottubru 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, izda mhux tal-ittra ufficcjali numerata 4491/11, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------